# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru: 719/2014 JPG**

**Kawza Numru: 19**

**United Automobile Limited (C 5845)**

**VS**

**Adam Charles Richard Sammut (70303L) u b'digriet tal-20 ta' Jannar 2015 gew nominati kuraturi ghall-intimati kollha Dr. Anthony Cutajar LL.D. u P.L. Daniel Aquilina, u b'digriet tat-18 ta' Marzu 2015 gew kjamati in kawza Paul George Sammut (Numru ta' passaport: 034977365), Richard Jason Sammut (Numru ta' passaport: 301403015), Diana Davis (Numru ta' passaport 02532844), Allison Lammin u Simone Sammut (ID 407902L)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' United Automobile Limited (C 5845) datat fil-13 ta' Awissu 2014, a fol 1 et seqq, li jaqra hekk;

1. *Fis-27 ta' Dicembru 2004, is-socjeta rikorrenti dahlet fi ftehim sabiex tbiegh vettura (il-"Vettura") lil Rose Marie Edith Sammut (12959A) u lil Adam Sammut ghal prezz ta' €18,320.52 (Lm7,865) (kopja tal-ftehim annessa u mmarkata bhala "Dok. A") (il-"Ftehim");*

2. *Il-partijiet kienu fthemu li l-hlas isir bin-nifs. Ghalhekk, il-konvenuti halsu l-ammont ta' €5,376.19 (Lm2,308 fl-istess gurnata li dahlu fi ftehim bil-patt li l-bilanc ta' €12,944.33 (Lm5,557) jithallas bin-nifs, kull xahar, fuq medda ta' sittin (60) xahar;*

3. *Lejn l-ahhar tas-sena 2005, Rose Marie Edith Sammut mietet u halliet warajha lit-tfal taghha – Paul Sammut, Allison Lemmin, Diana Davis, Simone Sammut u Adam Sammut (hawn fuq imsemmi) bhala eredi b'titolu universali (kopja tat-testment annessa u mmarkata bhala "Dok B);*

4. *L-eredi kollha ta' Rose Marie Edith Sammut jghixu barra minn Malta hlief ghal Adam Sammut li, meta gie avvicinat mis-socjeta esponenti ghad-dettalji ta' fejn joqghodu hutu, qal li m'huwiex dispost ghat-tali informazzjoni minhabba li m'ghandhomx relazzjoni tajba u ma jitkellmux;*

5. *Adam Sammut baqa' inadempjenti milli jaghmel il-pagamenti dovuti lis-socjeta rikorrenti anki wara li saru diversi interpellazzjonijiet (ara kopja tal-ittra numru 4095/2011 annessa u mmarkata "Dok C");*

6. *Fuq it-talba tas-socjeta rikorrenti, kien inhareg mandat ta' sekwestru ezekuttiv (numru 1574/2012) mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ta' Malta (ara l-kopja tal-mandat imsemmi anness u mmarkat "Dok D");*

7. *Adam Sammut kien irritorna l-vettura lura lis-socjeta' rikorrenti ghax, skont hu, hutu rrifjutaw li jittrasferixxu sehemhom fil-vettura fuq ismu u hu ma hassx li kellu jkompli jhallas sehemhom mill-pagamenti;*

8. *Minhabba n-natura tal-Ftehim is-socjeta rikorrenti ghadha l-proprjetarja tal-vettura. Minkejja dan, il-Vettura hija rregistrata mal-Awtorita ta' Malta ghat-Trasport, tramite l-log book, f'isem Rose Marie Edith Sammut;*

9. *In vista' tas-suespost, is-socjeta rikorrenti ma tistax tiggestixxi u jew tuza l-Vettura ghaliex id-dettalji fil-log book ma jsejjhux lilha. Is-socjeta' rikorrenti, fin-nuqqas ta' Rose Marie Edith Sammut, kemm il-darba sejjhet lil eredi sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment tad-dettalji tal-log book f'isem is-socjeta rikorrenti, madankollu dan kien ta' xejn;*

10. *Peress illi m'huwiex maghruf u minhabba li ma jistax ikun maghruf fejn qedin jirrisjedu l-eredi ta' Rose Marie Edith Sammut, qed jigi ntavolat, flimkien ma' dan ir-rikors, rikors iehor ghal hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredi kollha f'dawn il-proceduri, minbarra Adam Sammut illi jinstab f'Malta.*

*Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli m'ghandhiex (prevja kull dikjarazzjoni mehtiega):*

1. *Tiddikjara illi, minhabba li l-konvenuti baqghu ma hallsux u minhabba n-natura tal-Ftehim, il-vettura ghandha terga tigi rregistrata f'isem is-socjeta' rikorrenti; u*

2. *Ghaldaqstant, in vista tal-ewwel talba, tordna t-trasferiment, permezz ta' kuraturi deputati, tad-dettalji fil-log book sabiex dan isejjah lis-socjeta rikorrenti minflok il-kurrenti dettalji tal-mejta Rose Marie Edith Sammut f'qasir zmien, jew tiehu dawk il-provvediment kollha li jidhrilha opportuni sabiex isir dan it-trasferiment f'isem is-socjeta rikorrenti.*

*Bl-ispejjez u b'riserva ghall-kull talba ohra li jista' jkollha s-socjeta rikorrenti fic-cirkostanzi.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi,

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Adam Charles Richard Sammut datata 10 ta' Settembru 2014, a fol 41 et seqq, li taqra hekk;

1. *Fl-ewwel lok, l-irritwalita tal-kawza odjerna stante illi l-eredi kollha tal-mejta Rosemary Edith Sammut m'humiex parti f'dina l-kawza u m'humiex imsemmija fl-*

*okkju tal-kawza. Tali nuqqas ma jistax jigi ssanat bis-semplici hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-imsemmija eredi kif is-socjeta attrici premettiet illi ser taghmel fil-paragrafu ghaxra (10) tar-rikors promotur.*

2. *Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici ghandha tipprova x'testment ghamlet id-decuius u ticcita l-eredi l-ohra kollha li m'hux kollha jirrisjedu fl-esteru kif allegat.*

3. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija mproponibbli stante illi s-socjeta attrici diga ottjeniet titolu esekuttiv ghall-bilanc dovut fuq il-karozza in kwistjoni kif l-istess socjeta attrici premettiet fil-hames (5) u s-sitt (6) paragrafu tar-rikors guramentat u kif johrog car mid-Dok. "C" u "D"allegati mar-rikors promotur. Illi in segwitu tal-mandat esekuttiv 1574/12 (Dok "D") is-sekwestrata Maria Teresa sive Tessie Sammut, mart il-konvenut hallset is-somma ta' elfejn tlett mija disgha u tletin euro u wiehed u hamsin centezmu (€2,339.51) kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' dina l-kawza u l-istess sekwestrata Maria Teresa sive Tessie Sammut kif ukoll il-konvenut ghadhom obbligati li thallas il-bilanc dovut skont l-imsemmi mandate esekuttiv. Huwa mproponibbli u altament ingust illi s-socjeta attrici titlob illi l-karozza in kwistjoni tigi rregistrata f'isimha meta qieghda tithallas il-bilanc dovut minghand il-konvenut u martu. Selecta una via non datur recorsum ad alteram.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Jannar 2015, permezz ta' liema gew innominati l-Avukat Dr. Anthony Cutajar LL.D. u lill-Prokuratur Legali Daniel Aquilina bhala kuraturi ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi (fol 54);

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Marzu 2015 permezz ta' liema gew kjamati in kawza Paul George Sammut, Richard Jason Sammut, Diana Davis, Allison Lammin u Simone Sammut, giet ordnata n-notifika tar-rikors promotur flimkien ma' traduzzjoni tal-istess bil-lingwa Ingliza lill-kjamati in kawza skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament numru 1393/2007/KE (fol 148);

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Marzu 2015, permezz ta' liema irrevokat l-appuntament tal-kuraturi deputati in vista tal-kjamata in kawza ta' hut l-intimat (fol 144);

Rat illi l-kjamati in kawza, ghalkemm debitament notifikati bir-rikors promotur ma prezentawx ir-risposta guramentata taghhom skont il-ligi, u ghalhekk jinsabu kontumaci.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimati kjamati in kawza Paul George Sammut, Richard Jason Sammut, Diana Davis, Allison Lammin u Simone Sammut gew debitament notifikati skont il-ligi, huma baqghu kontumaci f'dawn il-proceduri, kif ukoll ma prezentawx in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, minkejja li gew moghtija zmien skont il-ligi sabiex jaghmlu dan.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm ilkonvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> "***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-***

***gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***

***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***

***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***""

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

Rigward l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Adam Charles Richard Sammut, il-Qorti tosserva illi l-atti gew sanati billi gew kjamati in kawza il-bqija tal-eredi ta' Rose Marie Edith Sammut, li gew debitament notifikati bl-atti izda baqghu kontumaci. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni hija sorvolata.

**Ikkonsidrat;**

Rigward it-tieni eccezzjoni tal-intimat Adam Charles Richard Sammut, il-Qorti rat illi fl-atti tal-kawza giet prezentata kopja tar-ricerki testamentarji ta' Rose Marie Edith Sammut, inkluz kopja tat-testment taghha, li ma gewx ikkontestati mill-intimati, u li jikkonfermaw li hu u l-kjamati in kawza huma l-eredi universali ta' Rose Marie Edith Sammut. Ghaldaqstant, anke din l-eccezzjoni hija sorvolata.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu, l-intimat Adam Charles Richard Sammut eccepixxa illi l-azzjoni tas-socjeta rikorrenti hija mproponibbli peress illi s-socjeta rikorrenti diga ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv fil-konfront tieghu u ta' martu, u ghalhekk ma tistghax titlob ukoll ir-ritorn tal-vettura in kwistjoni.

Fil-fehma tal-Qorti pero din l-eccezzjoni tal-intimat hija nfondata u dan ghaliex kien proprju l-intimat li ghazel li jirritorna lura l-vettura in kwistjoni lis-socjeta rikorrenti. Filfatt, permezz ta' din l-azzjoni, s-socjeta rikorrenti m'hijiex qed titlob ir-ritorn tal-vettura, ghaliex kif tippremetti hija stess, dan diga sar volontarjament mill-intimat Adam Charles Richard Sammut, izda qed titlob biss illi din il-Qorti tordna li tigi ffirmata d-dokumentazzjoni necessarji sabiex ir-registrazzjoni tal-istess vettura tigi trasferita f'isimha. Galadarba kien l-intimat stess li volontarjament ghazel li jirritorna lura l-vettura lis-socjeta rikorrenti meta gie notifikat bil-mandat ta' sekwestru esekuttiv, minflok ma jhallas il-bilanc pendenti fuq l-istess vettura, ma jistghax issa jippretendi illi jirrifjuta milli jiffirma d-dokumentazzjoni neccessarja sabiex is-socjeta rikorrenti tkun tista' tiddisponi mill-istess vettura. Il-Qorti taghraf illi l-ligi tipprovdi ghal procedura specifika sabiex l-intimat jikseb it-thassir tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv in kwistjoni jekk juri lil Qorti illi hemm raguni valida fil-ligi ghal dan it-thassir, u ghalhekk taghraf illi d-drittijiet tieghu huma ragonevolment protetti mill-ligi. Fir-rigward ta' dik il-parti tal-eccezzjoni fejn l-intimat isostni illi martu ghamlet xi hlasijiet ghal vettura minhabba l-mandat ta' sekwestru esekuttiv, il-Qorti tosserva l-ewwel nett illi l-intimat ghazel li ma jibqax jikkomunika mal-avukat tal-fiducja tieghu u anke ma baqax jidher quddiem il-Qorti, b'mod illi ma produca l-ebda prova sabiex jissostanzja din l-asserzjoni. Dan apparti l-fatt illi l-Qorti tqis illi huwa inverosimili illi l-intimat jew martu ghamlu xi hlasijiet ghal din il-vettura meta huma stess volontarjament ghazlu li jirritornawha lis-socjeta rikorrenti.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi anke din l-eccezzjoni hija nfondata.

**Ikkonsidrat;**

Fir-rigward tal-kjamati in kawza li huma kontumaci, il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda eccezzjoni li tista' tigi validament imqajjma mill-Qorti ghalihom.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' Adam Charles Richard Sammut, tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti u tordna lill-intimati sabiex jeffetwaw *it-trasferiment* tad-dettalji fil-log book tal-vettura meritu ta' dawn il-proceduri sabiex dan isejjah lis-socjeta rikorrenti minflok id-dettalji kurrenti tal-mejta Rose Marie Edith Sammut sa mhux aktar tard minn xahar minn din is-sentenza, u tappunta lil Dr Franco Galea bhala kuratur deputat ghal eventwali konumtaci.**

**L-ispejjez ghandhom ikunu kollha a karigu tal-intimati.**

**Tordna notifika ta' din is-sentenza lil Dr Franco Galea.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**